MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 211/2002/1

**Inginier Carmel J. Cuschieri**

**vs**

**Emanuel Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Lulju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 t’April tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-attur is-somma ta’ elf seba’ mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM1725.00,0) minnu dovuti

bhala drittijiet u spejjez professjonali in konnessjoni mad-disinn u hrug ta’ “tenders” ghall-progett tal-“Archiquor Museum” fis-Siggiewi, kif jirrizulta ahjar mill-fattura numru 906/00 tad-29 ta’ Settembru tas-sena 2000 (Dok. A);

2. Bl-imghax mid-data tal-fattura u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta’ Marzu tas-sena 2001, kontra tieghu li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-17 t’Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament il-preskrizzjoni fit-termini ta’ l-artikolu 2149 (c) tal-Kapitolu 16;

2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-inkarigu ta’ l-attur kien limitat ghall-hrug ta’ quotation – cioe’ kemm kien ser jiswa’ xoghol li xtaq l-eccipjent fil-progett propost – l-attur ma giex inkarigat jipprepara tenders – l-eccipjenti sa minn Awissu tas-sena 2000 informa lill-attur li l-ftehim bil-miktub fornut lilu mill-istess attur ma kienx accettabbli ghalih principalment billi l-attur ippropona li jithallas bil-percentage u minn dak inhar stess l-inkarigu gie terminat;

3. Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ser tigi l-ewwel indirizzata l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

Illi dan ghamel referenza ghall-artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 li jistabbilixxi li l-azzjonijiet ta' diversi professjonisti, inkluz "arkitett u inginier civili, oltre persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn";

Ikkunsidrat;

Illi din il-qorti, fin-nuqqas ta' prova fir-rigward mill-partijiet qed tinkludi l-kwalifika ta' "inginier civili" fil-kwalifika kif indikata fl-imsemmi artikolu fuq in parte riprodott;

Illi ghalhekk ir-rizoluzzjoni ta' din l-ewwel vertenza preliminari tiddependi mill-perjodu ta' sentejn ta' inattivita' da parti ta' l-attur biex jittutela d-drittijiet minnu pretizi;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan is-sens jirrizulta li l-ewwel inkontru bejn il-partijiet sehh fit-12 ta' Gunju tas-sena 2000 fejn jirrizulta li l-partijiet odjerni ddiskutew il-progett l-ewwel darba verbalment;

Illi jirrizulta li l-ahhar kollegament li l-partijiet kellhom fuq il-progett, (wiehed telefoniku), jirrizulta li kien fi Frar tas-sena 2001, (ara fol 40);

Illi l-att gudizzjarju li permezz tieghu giet intavolata l-procedura odjerna jirrizulta li kien intavolat fit-2 t'April tas-sena 2002 u kien l-att li ta bidu ghall-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi jidher ghalhekk pacifiku li l-perjodu preksrittiv, indikat mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu ma jirrizultax li skada;

Illi in vista tal-premess din il-qorti tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez ta' dan il-kap kontra l-istess konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi allura fil-meritu ghandu jinghad li l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi meta l-konvenut gie biex jikkostruwixxi muzew li jiddekanta s-sbuhija tal-gebla Maltija u l-istorja taghha, ghazel li javvicina lill-attur biex jghinu f'dan il-progett;

2. Illi jirrizulta li saru diversi laqghat fejn il-konvenut fiehem il-progett tieghu lill-attur;

3. Illi l-attur mill-ewwel inkariga lill-impjegati tieghu biex jiffinalizzaw il-progetti nvoluti u filwaqt li ghadda l-istess lill-konvenut talbu wkoll jikkonkludi t-trattattivi billi jiffirma kuntratt ta' xogholijiet;

4. Illi meta l-konvenut ra l-ispejjez inkorsi mill-attur fl-insaputa tieghu irrifjuta l-konkluzjoni tal-kuntratt u avvicina lill-attur biex jirrevedi t-tariffi u l-ispejjez minnu stabbiliti;

5. Illi sadanittant il-progett originali baqa' jigi zviluppat u gie konkluz indipendentement mill-indikazzjonijiet moghtija mill-attur ghalkemm jirrizulta li xi ideat minnu indikati effettivament gew ukoll utilizzati;

6. Illi l-attur, meta ra li kien gie imwarrab u skartat mill-konvenut esiga l-pagament lilu dovut, ghalkemm effettivament b'xi zewg punti presentagg anqas minn dak lilu dovut skond it-tariffa professjonali li strah fuqha meta pprezenta l-kont finali lill-konvenut;

7. Illi stante li l-konvenut isostni li hu qatt ma kkonkluda ftehim ma' l-attur izda kien biss ghadu fil-fazi ta' trattattivi mieghu, irrifjuta li jeffetwa l-pagament minnu mitlub;

8. Illi ghalhekk l-attur irrikorra ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi allura l-iter legali li fih kienu wasslu l-partijiet fir-relazzjoni ta' bejniethom sal-mument fejn gew rotti l-kollegamenti li kienu bnew kien wassalhom sal-punt fejn il-konvenut kommittent kien talab lill-inginier civili attur stima tax-xogholijiet li hu kien jirrikjedi biex jeffettwa l-progett tieghu fuq indikat;

Illi fiha nnifisha din it-talba ma tammontax ghal konkluzzjoni ta' ftehim kontrattwali bejn il-konvenut kommittent u l-inginier civili attur stante li f'dan l-istadju l-partijiet kienu ghadhom fil-fazi ta' trattattivi;

Ikkunsidrat:

Illi allura dan ifisser li f'dan l-istadju l-inginier civili attur kien qieghed biss jaghti lill-kommittent konvenut kalkolu preventiv ta' l-ammont li ta' l-ewwel kien jidhirlu bejn wiehed u iehor li huma nvoluti fil-progett fuq ix-xogholijiet li kien jidhirlu li ghandhom isiru;

Illi ghalhekk jirrizulta li kien ghad jonqos il-fazi konklussiva u determinanti li l-konvenut kommittent jikkonsolida din l-offerta u jilqa' l-indikazzjonijiet offruti lilu mill-inginier attur inkarigat kif hu normali meta wiehed jinkariga persuna esperta biex jahsiblu ghall-bicca xoghol, (ara Borg vs Testaferrata Bonici datata s-26 ta' Mejju ta' l-1958, Vol. XLII pp. 338-344);

Ghaldaqstant din il-qorti, ghar-ragunijiet premessi, filwaqt li tissollecita lill-partijiet biex jikkonkludu l-vertenza ta' bejniethom b'mod gust biex jigi evitat l-arrikkiment ingustifikat tal-konvenut, kemm-il darba dan jirrizulta, filwaqt li takkolji l-eccezzjoni tal-konvenut fil-meritu, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez ta' dan il-kap kontra l-attur."

L-attur f'din il-kawza appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha in bazi ghal dawn l-aggravji:-

1. Meta laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-provi dettaljati li tressqu u li jkunu jsostnu r-raguni tat-talba tieghu;

2. Ma kienx jaghmel sens logiku illi filwaqt li cahdet it-talba attrici l-ewwel Qorti, fl-istess hin, taghmel sollecitazzjoni lill-partijiet biex jikkonkludu l-vertenza ta' bejniethom b'mod gust biex jigi evitat arrikkiment ingustifikat tal-konvenut, kemm il-darba dan jirrizulta;

3. Il-ftehim bejn il-partijiet ma kienx jirrikjedi li dan ikun in iskritto.

Il-konvenut wiegeb ghal dawn l-aggravji billi fl-ewwel lok issottolineja illi l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha tal-apprezzament tal-fatti b'mod tajjeb u li allura din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex tiddisturba dan l-istess apprezzament. Fit-tieni lok sostna illi ma nghata l-ebda nkarigu lill-attur. Kwantu ghar-rizerva li saret mill-ewwel Qorti dwar li l-partijiet jilhqu kompromess din kellha tinftiehem bhala rakkomandazzjoni versu soluzzjoni accettabbli ghaz-zewg partijiet.

Din il-Qorti tistqarr bla ebda ezitazzjoni illi thossha ferm perplessa fil-kaz in ezami dwar certu element ta' kontradittorjeta` bejn il-parti razzjonali u l-parti deciziva tas-sentenza. Dan qed jigi rilevat in kwantu filwaqt li fil-motivazzjoni taghha l-ewwel Qorti qieset bhala valevoli dawk ic-cirkostanzi ta' fatt li kienu jikkonfortaw l-eccezzjoni tal-konvenut appellat, id-decizjoni taghha, imbaghad, donnha taghti x'wiehed jifhem bis-sollecitazzjoni fiha kontenuta illi dik l-istess Qorti ma kienetx ghal kollox perswaza minn dak anterjorment konstatat u ragunat minnha fil-motivazzjoni, jew, ghallanqas, jista' jitqies non-konsegwenzjali.

Din il-Qorti allura, in vista ta' din il-konsiderazzjoni oggettivament riskontrata fis-sentenza appellata irriezaminat l-atti kollha tal-kawza biex proprju tirrikava minnhom ir-raguni li waslet lill-ewwel Qorti tasal ghal konkluzjoni taghha hekk apparentement 'non sequitur' u kontradittorju.

Issa sewwa ntqal mill-konvenut appellat illi di regola din il-Qorti tat-tieni istanza tevita li tindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar l-apprezzament taghha tal-provi (**Kollez. Vol. XXXII pI p17**). Huwa pero` wkoll pacifiku, kif bosta drabi ritenut fil-gurisprudenza, illi din il-Qorti kienet tenuta tissindika dan l-istess apprezzament u anke tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik tal-Qorti ta’ l-ewwel grad jekk issib fil-kaz partikolari illi altrimenti tkun ser tigi kommessa ingustizzja gravi.

Jista’ jinghad mill-ewwel a skans ta’ ekwivoci illi din il-Qorti ma hi xejn konvinta mill-analisi, u allura wkoll mir-ragunament, tal-provi kondotti mill-ewwel Qorti fil-kaz taht skrutinju. Anzi, tista’ tghid, li l-konvinciment taghha hu indirizzat versu konkluzjoni dijametrikalment bil-kuntrarju ghal dik ta’ l-istess Qorti li ppronunzjat is-sentenza. Hu allura l-kaz fejn jirrizulta misthoqq illi din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti.

Ghal dawk li huma l-fatti l-aktar saljenti jirrizulta li l-konvenut avvicina, fost ohrajn, lill-attur biex jassistih ha jattwa progett ta’ Muzew tal-gebla Maltija fis-Siggiewi. Skond it-tezi tal-konvenut, l-iskop tieghu li avvicina lill-attur kien biex jinghata ghajnuna professjonali dwar is-sistema tad-dawl, ilma u air-conditioners. Huwa jikkontendi pero`, kif aktar tard sorrett ukoll minn martu Anne Marie Baldacchino (fol 63), illi ried ikun jaf ir-rati li bihom kien ser jahdem mal-attur. F’dan il-kuntest isostni illi hu ma kienx qabel ma’ hlas bil-percentagg u kien ghalhekk li ma ffirmax il-kuntratt provvdut lilu mill-attur. Ciononostante, l-istess konvenut jammetti li anke wara li hu ezamina l-kuntratt u ma approvahx l-attur xorta wahda baqa’ jahdimlu (fol 26). Konfrontat in kontro-ezami bix-xoghlijiet specifici ezegwiti mill-attur fl-interess tieghu u tal-progett, huwa ssokta jassumi l-atteggjament li certi xoghlijiet saru kontra l-istruzzjonijiet tieghu ghax hu kien waqqaf lil-attur ghall-habta ta’ Awissu 1999. Jigi rilevat hawn illi nonostante li wieghed li jgib prova ta’ meta siefer din il-prova baqghet ma tressqitx bl-iskuza li ma setax isib il-passaport il-qadim (fol 66).

Minn naha tieghu l-attur ipproduca provi li jissostanzjaw l-fatt ta’ l-ewwel laqgha mal-konvenut dwar il-progett (12 ta’ Gunju 2000), d-diversi meetings li saru mal-konvenut u mal-interior designer tieghu Kurt Grima, site meetings, il-preparazzjoni tad-dizinji tas-servizzi mehtiega, d-drawings necessarji, l-ezami taghhom, il-preparazzjni tal-Bill of Quantity u Specifications, is-sejha ghat-tenders, l-evalwazzjoni taghhom, u l-preparazzjoni tal-prezzijiet. Intqal mill-attur illi dawn il-mansjonijiet gew kollha trattati u diskussi mal-konvenut, li nghata wkoll kopji tad-dokumentazzjoni kollha involuta. F’dan, l-attur hu korroborat mill-Inginjier Jonathan Bonett li kien hu li hadem fuq il-progett. Kemm dan ix-xhud kif ukoll l-attur jizmentixxu l-allegazzjoni tal-konvenut illi dan kien qalilhom li ma riedx jiffirma l-kuntratt jew li ma riedx li jitkompla l-inkarigu gja moghti. In effetti l-attur u l-imsemmi xhud jghidu li l-konvenut iddisputa l-invoice fit-23 ta’ Ottubru 2000 wara li kienu kompletati x-xoghlijiet fuq elenkati (fol 39 u fol 228). Kwantu ghall-fatt tar-ristrettezzi tal-budget li kellu ppjanat il-konvenut dan issemma l-ewwel darba meta gew ricevuti t-tenders minghand il-kuntratturi (ara xhieda ta’ Jonathan Bonett, fol 227).

Premessi dawn il-versjonijiet tal-kontendenti, indiskutibilment il-kaz jirrientra fl-ambitu tal-problematika generali jekk kienx hemm konkluzjoni ta’ ftehim veru u proprju bejn il-kontendenti.

Skond l-ewwel Qorti l-partijiet kienu ghadhom fil-fazi tat-trattativi. Jigifieri, dejjem skond il-veduta ta’ dik il-Qorti, fil-fazi tal-formazzjoni tal-ftehim li solitament tigi zvolta fil-perijodu interkorrenti bejn il-proposta u l-accettazzjoni ossija x-xjenza fil-proponent ta’ din l-istess accettazzjoni. Ghal din il-Qorti, invece, din il-fazi pre-kontrattwali kienet gja giet superata billi l-partijiet ma llimitawx ruhhom biex sempliciment jimmanifestaw il-hsieb taghhom li jikkonkludu ftehim izda, in pjena konoxxenza komuni, nghata bidu, u sahansitra, kompletar tal-attwazzjoni ta’ dik il-parti tal-progett affidata lill-attur.

Huwa intwittiv illi t-trattattivi jitmexxew fir-rispett reciproku tal-korrettezza u tal-buona fede. Dan jghodd maggorment imbaghad fil-kaz ta' ftehim propost, accettat u vinkolanti.

Fil-kaz de quo fil-fehma tal-Qorti ma nsibux biss semplici trattativi interlokutorji jew preparatorji ta' ftehim izda ftehim tradott f'ezekuzzjoni effettiva. Il-konvenut ippropona lill-attur xi xtaq li jsir tant li ghamel disponibbli pjanta preparata minn haddiehor, iddiskuta l-progett, zamm laqghat, u accetta d-dokumentazzjoni supplita lilu mill-attur. Ma kien hemm xejn x'jindika mod iehor. Dan anke ghaliex huwa sintomatiku hafna illi l-konvenut kien f'qaghda li, bi kwalsiasi mod, jevalwa fil-kors tal-laqghat u diskussjonijiet fuq ix-xoghol preparat illi l-attur kien accetta l-inkarigu lilu post mill-istess konvenut. Ghax jekk hu veru dak li jsostnu l-konvenut u martu illi mill-ewwel werew lill-attur li ma rieduhx jahdem aktar, ghalfejn kien hemm il-htiega ta' aktar laqghat, kif hekk wara kollox jinsab konfessat minnhom. Ma jistax jitwemmen li l-konvenut ma kienx jaf per ezempju bil-fatt tal-hrug tat-tenders ghax kien imsiefer gjaladarba hu din id-dikjarazzjoni tieghu baqa' ma ssostanzjahiex bi prova certa u kredibbli. Il-verita` hi li hu kien imgharraf f'kull waqt b'dak li kien ghaddej u l-Qorti allura ma tistax hlief tigbed bhala inferenza mill-provi illi l-allegazzjoni li l-konvenut qatt ma ta inkarigu lill-attur hi biss skuzanti biex dan jezonera ruhu mill-obbligu li jhallas dak li ekwament hu minnu dovut lill-attur.

Il-kaz in diskussjoni ma kienx negozju guridiku unilaterali assunt di sua sponte mill-attur kif hekk jaghti ad intendere l-konvenut izda mill-kumpless tac-cirkostanzi u tal-fatti l-Qorti tara l-konfigurazzjoni ta' ftehim konkjuz anke jekk ma kienx hemm is-sottoskrizzjoni tad-dokument provvdut mill-attur. Il-fatt jibqa' li l-mandat inghata lill-attur u ghax-xoghol li ghamel jisthoqqlu li jigi kompensat. Dan hu wkoll rikonoxxut mill-konvenut tant li kif riskontrat mill-provi hu stess kien offra s-somma ta' tliet mitt lira ghas-saldu (ara deposizzjoni ta' l-attur a fol 40).

Fermi dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti ma ssibx raguni perswaziva biex ma ssostniex id-domanda tal-attur.

Domanda li dwarha hu rnexxielu jipprova l-fatti kostitwenti l-bazi tad-dritt minnu vantat. Ghall-kuntrarju l-Qorti ssib li l-eccezzjoni tal-konvenut li dan l-istess dritt qatt ma ezista jew, ghax gie estint, ma gietx sufficcjentement u sodisfacentement sorretta minn prova effikaci. Fil-verita` din il-Qorti fic-cirkostanzi maghrufa ma ssib l-ebda vizzju logiku fir-riflessjoni li tohrog mir-risposta moghtija in kontro-ezami mix-xhud Jonathan Bonett meta wiegeb illi “Baldacchino qatt ma qalilna li ma riedx jiffirma l-ftehim, dejjem qalilna li nesieh. Kieku qalilna li ma riedx jiffirmah kieku ma konniex inkomplu” (fol 53).

Fl-ambitu tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula din il-Qorti ma jidhrilhiex li tista’ toqghod b’affidament fuq il-motivazzjoni ragonata mill-ewwel Qorti illi l-inkariku moghti mill-konvenut lill-attur kien dak ‘sic et sempliciter’ ta’ talba ghal stima tax-xoghlijiet li hu kien jirrikjedi biex jaffettwa l-progett tieghu.

Fl-ahharnett din il-Qorti ma ssibx raguni valida biex tvarja l-ammont tad-drittijiet pretiz mill-attur billi dan, kollox ma’ kollox, kemm fil-paragun mat-tariffa li setghet tkun applikabbli kif ukoll mal-kont ghan-numru ta’ sieghat impjegati (Dok EB3, fol 34), hu kwantum inferjuri u ma jistghax lanqas jitqies esagerat ghal dan it-tip ta’ xoghol professjonali.

Ghal dawn il-motivi l-appell tal-attur qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf seba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1725) drittijiet u spejjes professjonali lilu dovuti in konnessjoni mal-progett deskritt fl-Avviz.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------